Nru. 17,891
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 10 ta' Marzu, 2006
Friday, 10th March, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 220

L-ATT DWAR LOTTERIJI U LOGĦOB IEĦOR (KAP. 438)

Ħatra ta' Membri ta' l-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa mogħtija lilu bl-Artikolu 9 ta' l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi għoġbu jaħtar il-Membri ta' l-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob kif ġej:

Is-Sur Jesmond Pace;

Dott. Roberta Fenech Gauci, LL.D.

Il-ħatra tas-Sur Jesmond Pace hija b'seħħ mill-20 ta' Settembru, 2005 sal-31 ta' Lulju, 2006.

Il-ħatra ta' Dott. Roberta Fenech Gauci, LL.D., li kienet neċessarja wara r-riżenja ta' Dott. Bernardette Muscat, LL.D., hija b'seħħ mid-29 ta' Diċembru, 2005 sal-31 ta' Lulju, 2006.

L-10 ta' Marzu, 2006

Nru. 221

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali b'konsultazzjoni mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna

GOVERNMENT NOTICES

No. 220

LOTTERIES AND OTHER GAMES ACT (KAP. 438)

Appointment of Members of the Lotteries and Gaming Authority

IT is hereby notified that in terms of the powers conferred upon him by Section 9 of the Lotteries and Other Games Act, the Minister of Finance and Economic Affairs has appointed the following Members of the Lotteries and Gaming Authority:

Mr Jesmond Pace;

Dr Roberta Fenech Gauci, LL.D.

The appointment of Mr Jesmond Pace is with effect from 20th September, 2005 until 31st July, 2006.

The appointment of Dr Roberta Fenech Gauci, LL.D., was needed following the resignation of Dr Bernardette Muscat, LL.D., and is with effect from 29th December, 2005 until 31st July, 2006.

10th March, 2006

No. 221

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms, of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council after consultation with the Minister for Justice and Home Affairs has approved that the

msemmija hawn taħt ġiet appuntata mill-ġdid Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
San Ġwann	Josef Grech

Is-6 ta' Marzu, 2006

following person be re-appointed Executive Secretary of that Local Council:–

Local Council Locality	*Secretary*
San Ġwann	Josef Grech

6th March, 2006

Nru. 222

ĦATRA TA' AĠENT SEGRETARJU, KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

IS-SEGRETARJU Permanenti, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 222

APPOINTMENT OF ACTING SECRETARY, PUBLIC SERVICE COMMISSION

THE Permanent Secretary, in the Office of the Prime Minister, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Margaret Bonello	Segretarju *Secretary*	Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku *Public Service Commission*	06–27.03.2006

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 192 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,888 tat-3 ta' Marzu, 2006 hija b'din imħassra.

L-10 ta' Marzu, 2006

Government Notice No. 192 published in the Government Gazette No. 17,888 of the 3rd March, 2006 is hereby cancelled.

10th March, 2006

Nru. 223

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (AKKOMODAZZJONI SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja mid-data msemmija:

No. 223

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (SOCIAL HOUSING)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Family and Social Solidarity has approved the following acting appointment from the indicated date:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Mario Darmenia	Direttur *Director*	Akkomodazzjoni Soċjali *Social Housing*	24.2.2006

L-10 ta' Marzu, 2006

10th March, 2006

Nru. 224

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
98	143, Tower Road Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	06/03/2006
99	Xwejni Court Qbajjar Road a.k.a. St Mary Street Marsalforn	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	22/02/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

L-10 ta' Marzu, 2006

No. 224

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

10th March, 2006

Nru. 225

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP
(KAP. 356)

Skedar ta' Proprjetà

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 930 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,302 bid-data tat-18 ta' Ottubru, 2002, intitolata "Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, Artikolu 46, Skedar ta' Proprjetà", l-Awtorità Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tgħarraf illi l-Mappa 8/9 għandha tinbidel bil-pjanta annessa ma' din in-Notifikazzjoni f'paġna 2368. B'hekk, il-villa fi Triq Santu Rokku, il-Kalkara, flimkien mal-ġonna ta' madwarha għadhom protetti bħala ta' Grad 2 kif jidher fl-istess pjanta annessa ma' din in-Notifikazzjoni.

L-10 ta' Marzu, 2006

No. 225


DEVELOPMENT PLANNING ACT
(CAP. 356)

Scheduling of Property

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 930 published in the Government Gazette No. 17,302 dated 18th October, 2002, entitled "Development Planning Act, Section 46, Scheduling of Property", the Malta Environment and Planning Authority hereby notifies that Map 8/9 should be superseded by the map attached with this Notice on page 2368. Thus the Villa in Triq Santu Rokku, Kalkara, together with the surrounding gardens, are protected as Grade 2 property as shown on the same site plan with this Notice.

10th March, 2006


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E58111, N71974
Max E58297, N72141
Title :-
Amendment to
Scheduling
Ref No. :-
Key :-
Garden villa
Grade 2
Form No. :- MU004
SANTU ROKK
SOAO TEWMA
N
0
0.03
0.06
km

Nru. 226

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Skedar ta' Proprjetà

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara l-proprjetajiet li ġejjin, jiġifieri:–

Wied ta' l-Imselliet, Wied tal-Ħżejjen, Wied ta' Għajn Mula, Wied ta' l-Arkata, Wied ta' Għajn Riħana, Ġebel Sarnu, Tat-Tarġa u Ta' Benniena

(L-Imġarr, il-Mosta u San Pawl il-Baħar)

(ara l-pjanta f'paġna 2370) bħala inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond l-artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità tiddikjara l-proprjetà msemmija kif ġej:

1. is-sistema shiħa ta' widien li tinkludi l-Wied ta' l-Imselliet, il-Wied tal-Ħżejjen, il-Wied ta' Għajn Mula, il-Wied ta' l-Arkata u l-Wied ta' Għajn Riħana bħala Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell wieħed (1) u l-Arja ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell tnejn (2) kif indikat fuq il-pjanta murija f'paġna 2370).

2. is-sisien fiż-żoni ta' Ġebel Sarnu, Tat-Tarġa u ta' Benniena bħala Sit ta' Importanza Xjentifika u l-Arja ta' Importanza Ekoloġija ta' Livell tnejn (2) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

3. l-art agrikola fiż-żoni Tal-Ħżejjen, il-Wilġiet u ta' Benniena bħala Arja ta' Importanza Ekoloġika *(buffer zone)* ta' Livell tlieta (3) kif indikat fuq il-pjanta annessa, u

4. il-Wied ta' Sejkla u x-Xagħra tat-Tombu bħala Arja ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell erbgħa (4) kif inhi indikata fuq il-pjanta annessa

skond it-termini tal-*Policies* RCO 10, RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura u jikkwalifikaw għall-protezzjoni skond klawsoli 15.34 sa 15.40 ta' l-*Explanatory Memorandum* ta' l-istess Pjan ta' Struttura.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

L-10 ta' Marzu, 2006

No. 226

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Scheduling of Property

THE Malta Environment and Planning Authority is hereby declaring the following properties, namely:–

Wied l-Imselliet, Wied tal-Ħżejjen, Wied ta' Għajn Mula, Wied ta' l-Arkata, Wied ta' Għajn Riħana, Ġebel Sarnu, Tat-Tarġa and Ta' Benniena

(Mġarr, Mosta and Saint Paul's Bay)

(see plan on page 2370) as included in the list of Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992.

The Authority designates the above property as follows:

1. the valley system including Wied ta' l-Imselliet, Wied tal-Ħżejjen, Wied ta' Għajn Mula, Wied ta' l-Arkata and Wied ta' Għajn Riħana as a Level one (1) Site of Scientific Importance and Level two (2) Area of Ecological Importance as indicated on the map as shown on page 2370).

2. the escarpment at Ġebel Sarnu, Tat-Tarġa and Ta' Benniena as a Level two (2) Site of Scientific Importance and Area of Ecological Importance as indicated on the map attached;


3. the agricultural land in the areas of Tal-Ħżejjen, il-Wilġiet and Ta' Benniena as a Level three (3) Area of Ecological Importance (buffer zone) as indicated on the map attached, and

4. Wied ta' Sejkla and Ix-Xagħra tat-Tombu as a Level four (4) Area of Ecological Importance as indicated on the map attached

in terms of Structure Plan Policies RCO 10, RCO 11 and RCO 12 and qualify for protection under clauses 15.34 to 15.40 of the Structure Plan's Explanatory Memorandum.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Developement Planning Act as regards to Scheduled Property.

10th March, 2006


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E45458, N74853
Max E47309, N76518
Title :- Figure 3
Proposed Scheduling
Wied ta' Ghajn Rihana
Ref No. :- GF 0065/04
Key: -
Level 2 AEI, Level 1 SSI
Level 2 AEI, Level 2 SSI
Level 3 AEI
Level 4 AEI
Form No. :- MU004
N
0
200
400
600
800m

Nru. 227

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
03. 03. 06	Lm6.48c8	12c3
06. 03. 06	Lm6.54c0	12c3
07. 03. 06	Lm6.48c3	12c8
08. 03. 06	Lm6.48c5	12c9
09. 03. 06	Lm6.36c4	12c6

L-10 ta' Marzu, 2006

No. 227

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

10th March, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 12

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija huma kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk, u bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt minn nhar is-Sibt, il-11 ta' Marzu 2006 f'nofsinhar sal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni ta' l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, kemm-il darba ma jkunux awtorizzati mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali.

Valletta

Triq il-Mediterran, Triq it-Tramuntana bejn Triq il-Merkanti u Triq il-Mediterran, Triq l-Isptar bejn Triq il-Merkanti u Triq San Nikola, Triq San Nikola bejn Triq l-Isptar u Triq il-Mediterran.

Ir-Rabat (Għawdex)

Triq l-Ewropa.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq f'distanza ta' ħames metri minn kull post tal-votazzjoni ta' l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, huma

POLICE NOTICE

No. 12

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones and in virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated from Saturday, 11th March 2006 at noon until the publication of the final result of the poll of the Local Council Elections, unless authorised by the Commissioner of Police or by the Chief Electoral Commissioner.

Valletta

Triq il-Mediterran, Triq it-Tramuntana between Triq il-Merkanti and Triq il-Mediterran, Triq l-Isptar between Triq il-Merkanti and Triq San Nikola, Triq San Nikola between Triq l-Isptar and Triq il-Mediterran.

Victoria (Gozo)

Triq l-Ewropa.

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 94/97, the streets within a distance of fifty metres from any polling place of the Local Council Elections,

kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk, u bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) il-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jieqfu fl-istess toroq, nhar is-Sibt, il-11 ta' Marzu 2006, bejn il-5.00 a.m. u l-11.00 p.m., kemm-il darba ma jkunux awtorizzati mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali.

L-10 ta' Marzu, 2006

are to be classifed as Tow Zones and in virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the transit and stopping of vehicles through same streets will be suspended or deviated on Saturday, 11th March 2006, from 5.00 a.m. to 11.00 p.m., unless authorised by the Commissioner of Police or by the Chief Electoral Commissioner.

10th March, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 13

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52(1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huma pprojbiti fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Mosta

Nhar il-Ħadd, id-19 ta' Marzu 2006, bejn l-4.00 p.m.u t-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Pont, Baskal Buhagiar, il-Biċ ċerin, il-Kbira u Pjazza Rotunda.

Nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Marzu 2006, bejn il-5.00 p.m.u d-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kostituzzjoni, Nicolò Isouard, Dott. Chetcuti, il-Kbira u Pjazza Rotunda.

Nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' April 2006, bejn il-5.00 p.m.u d-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, San Ġwann, Grognet, Toni Cassar, Anġlu Gatt, il-Kungress Ewkaristiku u Pjazza Rotunda.

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' April 2006, bejn it-8.00 a.m.u l-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: l-Oratorju, it-Torri, il-Kungress Ewkaristiku u Pjazza Rotunda.

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' April 2006, bejn l-4.00 p.m.u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, il-Ġnejna, il-Mitħna l-Qadima, it-Torri, Stivala u Pjazza Rotunda.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' April 2006, bejn l-4.00 p.m.u t-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Grognet, Xorxa, Callus, Santa Marija, Anġlu Gatt, il-Kungress Ewkaristiku u Pjazza Rotunda.

L-10 ta' Marzu, 2006

POLICE NOTICE

No. 13

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Mosta

On Sunday, 19th March 2006, between 4.00 p.m. and 8.30 p.m. through the following streets: il-Pont, Baskal Buhagiar, il-Biċċerin, il-Kbira and Pjazza Rotunda.

On Friday, 24th March 2006, between 5.00 p.m. and 9.00 p.m. through the following streets: il-Kostituzzjoni, Nicolò Isouard, Dott. Chetcuti, il-Kbira and Pjazza Rotunda.

On Friday, 7th April 2006, between 5.00 p.m. and 9.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, San Ġwann, Grognet, Toni Cassar, Anġlu Gatt, il-Kungress Ewkaristiku and Pjazza Rotunda.

On Sunday, 9th April 2006, between 8.00 a.m. and 10.00 a.m. through the following streets: l-Oratorju, it-Torri, il-Kungress Ewkaristiku and Pjazza Rotunda.

On Friday, 14th April 2006, between 4.00 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: il-Kbira, il-Ġnejna, il-Mitħna l-Qadima, it-Torri, Stivala and Pjazza Rotunda.

On Sunday, 16th April 2006, between 4.00 p.m. and 8.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, Grognet, Xorxa, Callus, Santa Marija, Anġlu Gatt, il-Kungress Ewkaristiku and Pjazza Rotunda.

10th March, 2006

KORPORAZZJONI ENEMALTA

Post ta' *Professional Executive (Chemist)*

Jintlaqgħu applikazzjonijiet biex jimtela l-post ta' *Professional Executive (Chemist)* mal-Korporazzjoni Enemalta.

2. Il-post ta' *Professional Executive (Chemist)* għandu salarju ta' Lm6,009 fis-sena li jiżdied b'Lm139 kull sena sal-massimu ta' Lm6,843 (Skala 9).

3. Il-persuna magħżula tkun mistennija tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Professional Executive (Chemist)* fil-Korporazzjoni Enemalta. Il-kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra, sakemm is-servizz ikun wieħed sodisfaċenti u b'riżultati pożittivi. Fil-każ ta' persuna li ma tilħaqx livell sodisfaċenti fil-qadi tad-dmirijiet tagħha bħala *Professional Exectuive (Chemist)*, il-kuntratt jintemm. In-nomina tkun fuq bażi *whole-time* u tkun suġġetta għal konferma wara li jgħaddu sitt (6) xhur u hija suġġetta ukoll għar-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għall-ieħor fil-Korporazzjoni Enemalta. Il-persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tal-Korporazzjoni.

4. Il-persuna li tintgħażel tkun obbligata li taħdem fuq bażi ta' *shift* meta u kif meħtieġ. B'żieda mas-salarju msemmi f'paragrafu 2 hawn fuq, titħallas *shift allowance* fejn applikabbli.

5. Il-persuna fil-grad ta' *Professional Executive (Chemist)* tkun meħtieġa li taqdi doveri ta' natura kemikali fil-Branka tal-Ġenerazzjoni fit-Taqsima ta' l-Elettriku imma tista' tiġi mitluba wkoll sabiex tagħti pariri fuq materji kemikali f'dipartimenti oħra tal-Korporazzjoni.

Trid taqdi dawn id-dmirijiet speċifiċi:-

a) tissorvelja l-kwalità ta' l-ilma u l-għoti ta' doża kemikali kif meħtieġ,

b) tissorvelja l-kwalità ta' *fuels* li jinġiebu fil-*Power Stations,*

ċ) tanalizza l-*exhaust gases* tal-*Power Station* u tagħti pariri dwar kif tista' titjieb l-effiċjenza u jittaffa l-ħruġ ta' l-istess gassijiet,

d) tikkalibra u tagħmel manutenzjoni normali fuq l-istrumenti fil-laboratorju u f'oqsma marbuta ma' l-analiżi kemikali, u tikkoordina mal-ħaddiema tal-manutenzjoni dwar tiswijiet fejn hemm bżonn,

e) tanalizza skart li hu tossiku jew li jista' jkun tossiku,

ENEMALTA CORPORATION

Post of Professional Executive (Chemist)

Applications are invited for the filling of the post of Professional Executive (Chemist) with Enemalta Corporation.

2. The post of Professional Executive (Chemist) carries an annual salary of Lm6,009 rising by annual increments of Lm139 up to a maximum of Lm6,843 (Scale 9).

3. The selected candidate will be expected to enter into a 3 year contract as Professional Executive (Chemist) at the Enemalta Corporation. The contract may be renewed thereafter subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Professional Executive (Chemist) during the contract period will lead to termination of the contract. The appointment will be on a whole time basis and is subject to confirmation following a probationary period of six (6) months and is subject to the rules and regulations governing from time to time Enemalta Corporation. It involves the liability to transfer according to the exigencies of the Corporation.

4. The appointee will be under obligation to work by a shift system when and as required. In addition to the salary mentioned in paragraph 2 above, a shift allowance will be payable where applicable.

5. The person in the grade of Professional Executive (Chemist) will be required to carry out duties on matters of a chemical nature at the Generation Branch of the Electricity Division but may also be asked to advise on chemical matters in other departments of the Corporation.

Carries out the following specific duties:-

a) monitoring of water quality and chemical dosing as necessary,

b) local monitoring of the quality of fuels delivered to the Power Stations,

c) analysis of power station exhaust gases and advising on methods of improving efficiency and reducing emissions,

d) calibration and normal upkeep of instrumentation in the laboratory and in the field related to chemical analysis, and co-ordination with the maintenance staff on repairs when necessary,

e) analysis of toxic or potentially toxic wastes produced

magħmul mill-*Power Station,*

f) tissorvelja l-proċess tal-klorinizzazzjoni jew trattamenti oħra kemikali għall-kontroll mikrobijologiku ta' l-ilma tal-baħar,

g) tispeċifika u tordna kimiċi biex jintużaw fil-laboratorju u fil-*Power Station*, kif ukoll tikkoordina mas-sezzjoni ta' l-i*stores* dwar il-kwantità ta' dawn il-kimiċi li jkun hemm maħżuna,

h) tanalizza d-depożiti li jinġemgħu fil-*boilers* u f'tagħmir ieħor ħalli jiġi ddeterminat x'ikun qed jikkawża ħsara jew tħaddim mhux normali ta' dan it-tagħmir,

i) tikkoordina ma' l-inġiniera inkarigati mill-manutenzjoni dwar it-tindif tal-impjant permezz tal-kimiċi,

j) tagħti pariri u tagħmel rapporti dwar materji ambjentali li għandhom x'jaqsmu mat-tniġġiż ta' l-arja u l-ilma, kif ukoll tniġġiż minn skart tossiku,

k) tiżgura l-ħarsien u ż-żamma ta' noti bil-miktub u kotba fl-oqsma kollha marbuta mal-kimiċi. Minn żmien għall-ieħor, tirrevedi proċeduri marbuta ma' l-użu tas-sustanzi kimiċi,

l) tikkoordina ma' l-impjegati li jħaddmu impjanti tal-*Power Station* u tagħti struzzjonijiet dwar l-użu ta' kimiċi,

m) tikkoordina ma' sezzjonijiet oħra tal-Korporazzjoni,

n) xogħol ieħor relatat.

6. Fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet l-applikanti għandhom:-

i) ikunu ta' karattru morali tajjeb (għandu jiġi ppreżentat ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija maħruġ matul is-sitt (6) xhur ta' qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet),

ii) ikunu ċittadini ta' Malta, jippreżentaw ċertifikat tat-twelid tagħhom u ta' missierhom li juri l-post tat-twelid,

JEW

iii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

iv) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

by the power station,

f) monitoring of the Chlorination process or other chemical treatments for the microbiological control of sea water,

g) specification and ordering of chemicals for use in the laboratory and at the power station, and co-ordination with the Stores section on the stock position of such chemicals,

h) analysis of deposits on boiler surfaces and elsewhere for the determination of the cause of failure or abnormal operation,

i) co-ordination with maintenance engineers on the chemical cleaning of plant,

j) advising and reporting on environmental matters related to air, water or toxic waste pollution,

k) ensuring safety and the maintenance of safety records and literature in all matters involving chemicals. Reviews chemical handling procedures,

l) co-ordination with operating staff at the power station and the issuing of instructions relating to chemical treatment,

m) co-ordination with other sections of the Corporation,

n) other related matters.

6. On the closing date of applications applicants must:-

i) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within six (6) months prior to closing date of applications must be produced),

ii) be citizens of Malta, producing their and their father's birth certificate showing place of birth;

OR

iii) citizens of another European Union Member State;

OR

iv) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

v) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(iii), (iv) u (v) hawn fuq hija suġġetta għal ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

7. L-applikanti jridu jkunu gradwati Universitarji (B. Sc fil-Kimika jew ekwivalenti).

8. L-applikanti għandhom jiddikjaraw b'mod ċar il-kwalifiki u/jew l-esperjenza tagħhom li għandhom ikunu sostnuti b'testimonjali u/jew ċertifikati. Kopja ta' dawn id-dokumenti għandha tinthemeż ma' l-applikazzjoni.

9. L-applikanti jridu joqogħdu għal intervista bil-għan li tiġi stabbilita l-kapaċità tagħhom li jagħmlu x-xogħol relatat ma' dan il-grad.

10. Il-ħatra tkun marbuta mal-kundizzjoni li l-persuna magħżula toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li hi f'saħħitha biex taqdi d-doveri relatati ma' dan il-grad.

11. Il-persuna magħżula tkun obbligata li taħdem xogħol wara l-ħin normali kif u meta meħtieġ.

12. Min jintgħażel jista' jkun meħtieġ li jmur għal perijodu ta' taħriġ barra l-pajjiż.

13. Ir-riżultat ta' l-intervista jibqa' validu għal perijodu ta' tnax (12)-il xahar mid-data ta' meta jiġi ppubblikat.

14. L-applikanti iridu jipprezentaw *C.V.* tagħhom fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Korporazzjoni Enemalta, Moll il-Knisja, il-Marsa sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, is-27 ta' Marzu, 2006.

15. L-applikazzjonijiet li jaslu tard, l-applikazzjonijiet li ma jkunux mimlija sewwa u/jew mingħajr id-dokumenti msemmija f'paragrafu 8, ma jiġux aċċettati.

Permess mill-ETC Nru. 137/2005

L-10 ta' Marzu, 2006

OR

v) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (ii), (iii) and (iv) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

7. Applicants must be in possession of a University Degree (B. Sc in Chemistry or equivalent).

8. Applicants are to state clearly their qualifications and/or experience which have to be supported by testimonials and/or certificates. A copy of these documents is to be attached to the application.

9. Applicants will be submitted to an interview designed to assess their ability to carry out the work related to the grade.

10. The appointment will be under condition that the selected person will be medically examined to ascertain fitness to perform the work related to the grade.

11. The successful person to the mentioned post will be under obligation to perform extra hours of work as and when required.

12. Appointee may be required to proceed abroad for a period of training.

13. The result of the interview will remain valid for a period of twelve (12) calendar months from date of its publication.

14. Applicants are to submit their C.V. to the Human Resources Section Enemalta Corporation, Church Wharf Marsa by not later than Monday, 27th March, 2006.

15. Late applications or otherwise applications that are not properly filled and/or without the documents mentioned in paragraph 8, will not be accepted.

ETC Permit Number 137/2005

10th March, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet għall-Ħruġ ta' Liċenzi ta' *Engine Driver* fuq l-Art

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu illi f'Mejju 2006 se jsiru eżamijiet għall-ħruġ ta' Liċenzi ta' *Engine Driver* fuq l-Art.

2. Jingħataw liċenzi kif jidher hawn taħt:–

A. *Engine Driver (Steam)* (It-Tieni Grad)
B. *Engine Driver (Steam)* (L-Ewwel Grad)
Ċ. *Engine Driver* (Kombustjoni Interna) (It-Tieni Grad)
D. *Engine Driver* (Kombustjoni Interna) (L-Ewwel Grad)
E. *Electric Motor Driver* (It-Tieni Grad)
F. *Electric Motor Driver* (L-Ewwel Grad)

3. Ebda kandidat ma jitħalla joqgħod għall-eżami ta' l-Ewwel Grad kemm-il darba ma jkollux il-liċenza rispettiva tat-Tieni Grad u kemm-il darba ma jkunx għamel 18-il xahar bħala *Engine Driver* jew *Electric Motor Driver* fuq l-Art.

4. Eżamijiet tat-Tieni Grad ikunu eżamijiet orali biss.

5. L-eżamijiet ta' l-Ewwel Grad ikunu jikkonsistu f'eżamijiet bil-miktub u orali.

6. Wieħed jista' jara r-Regolamenti u s-Sillabu ta' l-Eżamijiet li ġew ippubblikati fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 340 tas-6 ta' Awissu, 1954, u li ġew emendati b'Avviż Legali Nru. 26 ta' l-1964, fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

7. Il-kandidat li joqgħod għall-eżamijiet tat-Tieni Grad għandu jkun għalaq id-dsatax-il sena sa l-1 ta' Mejju 2006, u jippreżenta:–

(a) il-Karta uffiċjali ta' l-Identità u fotokopja tagħha;

(b) dokumenti li juru b'mod ċar il-perijodu tas-servizz, inklużi dati u klassi ta' xogħol, li fihom kien impjegat;

(ċ) ċertifikati li juru li hu għamel kors ta' sena b'riżultat tajjeb dwar l-inġinerija f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta jew li għandu kwalifiki ekwivalenti.

8. Il-kandidat li joqgħod għall-eżamijiet ta' l-Ewwel Grad għandu jippreżenta:–

(a) il-Karta uffiċjali ta' l-Identità u fotokopja tagħha;

(b) il-liċenza rispettiva tat-Tieni Grad u fotokopja tagħha;

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examinations for the Issue of Engine Driver Licences (Land)

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that examinations for the issue of Engine Driver Licences (Land) will be held in May, 2006.

2. The following licences will be granted:–

A. Engine Driver (Steam) (Second Grade).
B. Engine Driver (Steam) (First Grade).
C. Engine Driver (Internal Combustion) (Second Grade).
D. Engine Driver (Internal Combustion) (First Grade).
E. Electric Motor Driver (Second Grade).
F. Electric Motor Driver (First Grade).

3. No candidate will be allowed to take a First Grade examination unless he is in possession of the respective Second Grade licence and unless he has served for 18 months as Engine or Electric Motor Driver on Land.

4. Second Grade examinations will consist of oral examinations only.

5. First Grade examinations will consist of written and oral examinations.

6. The Regulations and Syllabus of the Examinations which were published in Government Notice No. 340 of 6th August, 1954, and which were amended by Legal Notice No. 26 of 1964, are available for perusal by candidates at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours.

7. A candidate sitting for Second Grade examinations must be 19 years of age by the 1st May, 2006 and must produce:–

(a) the official Identity Card and a photocopy thereof;

(b) testimonials stating clearly the period of service, including dates and classes of work, in which he has been employed;

(c) certificates showing that he has successfully completed a one-year engineering course at a recognized educational institution or that he possesses equivalent qualifications.

8. A candidate sitting for First Grade examinations must produce:–

(a) the official Identity Card and a photocopy thereof;

(b) the respective Second Grade licence, and a photocopy thereof;

(ċ) dokumenti li juru li hu serva għal 18-il xahar bħala *Engine Driver* jew *Electric Motor Driver* fuq l-Art kif ikun il-każ.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew mill-*website* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet fuq www.exams.gov.mt/umaint/local_lic_app.doc, mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

10. Dawn l-applikazzjonijiet (dawk biss li jintlaqgħu) akkumpanjati bi dritt ta' ħlas ta' Lm4 (li preferibbilment jitħallsu b'ċekk lid-Direttur ta' l-Eżamijiet) jintlaqgħu fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex minn nhar it-Tnejn, it-3 ta' April 2006 sa nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' April, 2006, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

11. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

12. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tar-Regolamenti maħruġa biex jiggwidaw il-kandidati.

13. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari ta' l-eżami.

L-10 ta' April, 2006

(c) testimonials showing that he has served for 18 months as Engine or Electric Motor Driver on Land as the case may be.

9. Application forms may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Victoria, Gozo, or from the Department of Examinations' website on www.exams.gov.mt/umaint/local_lic_app.doc, from the date of publication of this notice.

10. Applications, (the only ones admissible) accompanied by a fee of Lm4 (preferably payable by cheque to the Director of Examinations) will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo from Monday, 3rd April 2006 to Friday, 7th April, 2006, from 8.00 a.m. to noon and from 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

11. Late applications will not be considered.

12. The Board of Local Public Examinations shall have power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

13. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of a particular stage of the examination.

10th April, 2006

EUROPEAN UNION

Vacancy Notices for Posts with the European Union Satellite Centre (EUSC)

The European Union Satellite Centre is organising a selection procedure with a view to fill the following vacancies:

1. EUSC/V 02/2006 – Training Support Assistant – Grade B3
2. EUSC/V 03/2006 – Image Analyst – Grade B4/B5
3. EUSC/V 04/2006 – Image Analyst – Grade B4/B5

The closing date for submission of applications is 17 March 2006.

The European Personnel Selection Office, EPSO, has also published the notices in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm

Further information on contractual conditions of employment, on duties, on qualifications and other eligibility requirements, and on the method of application, may be found on the European Union Satellite Centre website at:
http://www.eusc.org/html/news.html or through the above EPSO website.

Candidates should preferably use the Europass Curriculum Vitae (CV). The Europass CV documents may be downloaded from the CEDEFOP website at http://europass.cedefop.eu.int

Applications are to be sent by the closing date, 17 March 2006 included, to:

Head of Administration and Personnel
European Union Satellite Centre
Apartado de correos No. 511
28850 Torrejon de Ardoz
(Madrid) SPAIN

It is suggested that applications be sent by registered mail, the postmark serving as proof of dispatch.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

10th March, 2006

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Asia-Europe Foundation Scholarship

The Asia-Europe Foundation (ASEF), together with the International Institute for Asian Studies and Leiden University is inviting qualified young individuals from Asia and Europe to participate in the 13th edition of the ASEF University, to be held in July 2006. Formerly known as ASEF summer school, the ASEF University is a two week academic programme that will enable university students to deepen their insights into contemporary international issues and their significance for Asia and Europe.

This year's ASEF University will examine the international legal order from its theoretical basis to the modern day challenges posed on international law and practice. The programme will include, amongst others, discussions on international dispute settlement and adjudication, human rights and opportunities for co-operation between Asia and Europe to enhance the legitimacy and universality of the international legal order.

The ASEF University is open to university students from the 38 ASEM member states (Malta is a member state). Participants must be 28 years old or below and should preferably be in their final undergraduate or first graduate year. Successful applicants should have strong academic credentials and established leadership skills through involvement in extra curricular activities.

The ASEF University, including its accommodations, materials and provisions, is offered free of charge to successful applicants. Students are expected to shoulder all travel related expenses (including airfare, travel insurance, airport taxes and visa). A nominal travel supplement should be provided.

Further information is available from the Scholarships Section of the Ministry of Foreign Affairs, Valletta, as well as from www.asef.org. The deadline for applications is 19th April 2006. Inquiries may be directed to Valerie Remoquillo, People to People Exchange, Asia-Europe Foundation through e-mail (Valerie@asef.org) or phone +65 6874 9715.

10th March, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-*AQA* Sajf 2006

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati illi applikazzjonijiet tard jiġu aċċettati għall-Eżamijiet ta' l-*AQA* Sajf 2006 minn nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Marzu 2006 sa nhar il-Ħamis it-23 ta' Marzu 2006 mit-8.00 a.m. sal-4.30 p.m. kif ġej:-

Kandidati f'Malta:
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:
Ċentru ta' l-Eżamijiet
Ir-Rabat,
Għawdex

Għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' Lm21.75 ma' kull formola ta' l-applikazzjoni.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex jew mill-*website* tad-Dipartiment fuq:
www.exams.gov.mt

L-10 ta' Marzu, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

AQA Summer 2006 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that late applications will be accepted for the AQA Summer 2006 Examinations from Wednesday, 22nd March 2006 to Thursday, 23rd March 2006 from 8.00 a.m. to 4.30 p.m. as follows:-

Malta Candidates:
Examinations Department,
Floriana

Gozo Candidates:
Examinations Centre
Victoria,
Gozo

An additional fee of Lm21.75 has to be paid with each application.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana and the Examinations Centre, Victoria, Gozo or from the Department's website on:
www.exams.gov.mt.

10th March, 2006

MINISTRU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' *Tradesman/ Senior Tradesman (Plumber)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tad-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Marzu, 2006

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for the Posts of Tradesman/Senior Tradesman (Plumber) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned post may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th March, 2006

MINISTRU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Riżultat ta' l-Intervisti għall-Post ta' *Principal Agricultural Foreman* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervisti għall-post

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Result of Interviews for the Post of Principal Agricultural Foreman within the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Permanent Secretary, Ministry for Rural Affairs and the Environment notifies that the result of the interviews for

imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassallli, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-10 ta' Marzu, 2006

the above-mentioned post has been published and can be seen on the main notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

10th March, 2006

KUNSILL TAL-PROFESSJONIJIET KUMPLIMENTARI GĦALL-MEDIĊINA

Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464)

Rapport Annwali għas-Sena 2005

Ngħarrfu b'dan illi skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 27 (4) ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina ppubblika r-rapport annwali għas-sena 2005. Ir-rapport jista' jitniżżel minn fuq il-*website* www.sahha.gov.mt *(Statutory Bodies - Council for the Professions Complementary to Medicine).* Kopja tista' tinġabar mill-Uffiċċju tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina, 181, Triq Melita, Valletta, bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar u s-2.00 p.m. u l-4.00 p.m. Tagħrif ieħor jista' jinkiseb mingħand ir-Reġistratur, Tel. Nru. 21255540.

L-10 ta' Marzu, 2006

COUNCIL FOR THE PROFESSIONS COMPLEMENTARY TO MEDICINE

Health Care Professions Act, 2003 (Cap. 464)

Annual Report for Year 2005

It is hereby notified that in accordance with Article 27 (4) of the Health Care Professions Act, the Council for the Professions Complementary to Medicine has published the annual report for the year 2005. The report can be accessed through the website www.sahha.gov.mt (Statutory Bodies - Council for the Professions Complementary to Medicine). A copy may be collected from the Office of the Council for the Professions Complementary to Medicine, 181, Triq Melita, Valletta between 9.00 a.m. and noon and 2.00 p.m. and 4.00 p.m. Further information may be obtained from the Registrar, Tel No. 21255540.

10th March, 2006

FORZI ARMATI TA' MALTA

Matul ix-xahar ta' April 2006, il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' taħriġ ta' sparar attiv minn Pembroke *Ranges* fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:-

Mit-Tnejn it-3 ta' April sal-Ġimgħa s-7 ta' April 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn l-10 ta' April sal-Ħamis t-13 ta' April 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn is-17 ta' April sal-Ġimgħa l-21 ta' April 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn l-24 ta' April sal-Ġimgħa t-28 ta' April 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l hinn mix-xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Se jittellgħu bnadar ħomor mil-limiti tar-*ranges* waqt it-taħriġ ta' sparar attiv imsemmi hawn fuq.

L-10 ta' Marzu, 2006

ARMED FORCES OF MALTA

During the month of April 2006, the Armed Forces of Malta will be holding a live firing practice at Pembroke Ranges on the dates and timings indicated hereunder:

Monday 3rd April to Friday 7th April 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Monday 10th April to Thursday 13th April 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Monday 17th April to Friday 21st April 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

Monday 24th April to Friday 28th April 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke coast during the above dates and timings.

Red flags are flown from the limits of the ranges concerned during the living firing practice mentioned above.

10th March, 2006

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET

Lista ta' differenzi dipartimentali u xogħlijiet addizzjonali approvati matul il-perijodu l-1 ta' Settembru 2005 sat-28 ta' Frar 2006.

WORKS DIVISION

List of departmental variations and extra works approved for the period 1st September 2005 to 28th February 2006.

Natura tal-Kuntratt *Nature of Contract*	Valur Oriġinali *Original Value*	Valur ta' l-Aħħar *Final Value*
Construction of road at part of Triq Santa Marija, Żurrieq	Lm5,428.80	Lm8,950.17
Road works adjacent to Mqabba Public Garden in Misraħ il-Missjoni	Lm9,492.40	Lm19,124
Below ground containers icw Paceville project	Lm16,968.00	Lm19,245.66
Supply and delivery to site of paving material to the War Monument area, Floriana	Lm8,807.40	Lm9,320.72
Supply and fixing of light fittings for intersection at Paceville embellishment	Lm7,019.00	Lm9,759.24
Supply and laying of hardstone paving in Valletta	Lm3,745.00	Lm3,922.28
Supply and installation of steel folding doors for MSD Kordin	Lm1,020.00	Lm1,070
Light fittings at the Mall Gardens, Floriana	Lm1,661.04	Lm2,021.82
Light fittings at the Mall Gardens, Floriana	Lm4,289.40	Lm4,856.70
Air-conditioning split units for level 3, Project House	Lm2,037.00	Lm2,202.41
Purchase of two re-conditioned tower ladders for the Restoration Unit	Lm54,830.00	Lm64,699.40

L-10 ta' Marzu, 2006

10th March, 2006

KUNSILL LOKALI QORMI

Laqgħa Ġenerali Annwali ta' Ħal Qormi

Skond l-artikoli 47 u 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa pubblika annwali għar-residenti ta' Ħal Qormi nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Marzu 2006 fil-Qormi Day Centre, Triq Ġużè Muscat Azzopardi, Ħal Qormi fis-6.30 p.m.

Il-persuni kollha li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali Qormi huma mistiedna biex jattendu.

L-10 ta' Marzu, 2006

QORMI LOCAL COUNCIL

Qormi Annual General Meeting

In accordance with sections 47 and 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual public meeting will be held for the residents of Qormi on Wednesday, 15th March 2006 at the Qormi Day Centre, Triq Ġużè Muscat Azzopardi, Qormi at 6.30 p.m.

All persons whose name appears in the Qormi Local Council's Electoral Register are invited to attend.

10th March, 2006

KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

Laqgħa Pubblika Annwali

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa pubblika annwali nhar il-Ħamis, is-16 ta' Marzu, 2006 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Dawk ir-residenti kollha li isimhom jidher fuq l-aħħar Reġistru Elettorali huma mistiedna biex jattendu. F'din il-laqgħa jingħata rendikont fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena ta' qabel, kif ukoll il-pjan għas-sena ta' l-2006/07. Ir-residenti huma mitluba jipparteċipaw billi jressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom.

Laqgħa Pubblika – Paceville

Skond l-artikolu 47A(8) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa pubblika annwali nhar it-Tlieta, l-14 ta' Marzu, 2006 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Dawk ir-residenti kollha li isimhom jidher fuq l-aħħar Reġistru Elettorali huma mistiedna biex jattendu. F'din il-laqgħa jingħata rendikont fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena ta' qabel, kif ukoll il-pjan għas-sena ta' l-2006/07. Ir-residenti huma mitluba jipparteċipaw billi jressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom.

L-10 ta' Marzu, 2006

SAN ĠILJAN LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual public meeting will be held on Thursday, 16th March, 2006 at the Council Administrative Office in Triq Forrest, St Julians from 6.00 p.m. to 8.00 p.m.

All residents whose names appear in the last Electoral Register are invited to attend. During the meeting a report shall be given on the performance of the Council during the previous year and the business plan for the year 2006/07. The residents are invited to participate by forwarding any complaints and suggestions.

Public Meeting – Paceville

